

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-10 ta' Ġunju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Saġd Rejonowy dla Warszawy-Woli w Warszawie- Il-Polonja) – MN, DN, JN, ZN vs X Bank S.A.

(Kawża C-198/20) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE – Artikolu 2(b) – Kunċett ta' "konsumatur" – Kreditu għal self ipotekarju indiċjat f'valuta barranija – Artikoli 3 u 4 – Evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola)

(2021/C 357/04)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Saġd Rejonowy dla Warszawy-Woli w Warszawie

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: MN, DN, JN, ZN

Konvenut: X Bank S.A.

Fil-preżenza ta': Rzecznik Praw Obywatelskich

Dispożittiv

Il-protezzjoni prevista mid-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, għandha tapplika għal kull konsumatur u mhux biss għal dak li jista' jiġi kkunsidrat bħala "konsumatur medju li jitqies li huwa informat b'mod normali u li huwa attentiv u avżat b'mod raġonevoli".

⁽¹⁾ ĠU C 304, 14.9.2020

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tad-29 ta' Ġunju 2021 – Talanton AE – Symvouleftiki-Ekpaideftiki Etaireia Dianomon, Parochis Ypiresion Marketing kai Dioikisis Epicheiriseon vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-359/20 P) ⁽¹⁾

(Appell – Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Klawżola ta' arbitraġġ – Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrarazzjoni (2007-2013) – Ftehim ta' għotja – Spejjeż mhux eliġibbli – Deċiżjoni ta' rkupru – Rikors tal-benefiċjarju quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea abbażi tal-Artikolu 272 TFUE – Żnaturament tal-fatti – Terminu raġonevoli – Prinċipju ta' bona fide – Aspettattivi leġittimi – Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat)

(2021/C 357/05)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Appellanti: Talanton AE – Symvouleftiki-Ekpaideftiki Etaireia Dianomon, Parochis Ypiresion Marketing kai Dioikisis Epicheiriseon (rappreżentanti: K. Damis u M Angelopoulos, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A Katsimerou u E. A. Stamate, aġenti)

Dispożittiv

1. L-appell huwa miċħud bħala, parzjalment, manifestament inammissibbli u, parzjalment, manifestament infondat.

2. Talanton Anonymi Emporiki – Symvouleftiki-Ekpaideftiki Etaireia Dianomon, Parochis Ypiresion Marketing kai Dioikisis Epicheiriseonest hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 320, 28.09.2020.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tas-16 ta' Ġunju 2021 – Crédit agricole SA (C-456/20 P), Crédit agricole Corporate and Investment Bank (C-457/20 P), CA Consumer Finance (C-458/20 P) vs Il-Bank Ċentrali Ewropew

(Kawżi magħquda C-456/20 P sa C-458/20 P) (¹)

(Appell – Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Politika ekonomika u monetarja – Regolament (UE) Nru 1024/2013 – Artikolu 18(1) – Superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu – Kompiti speċifiċi fdati lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) – Impożizzjoni ta' sanzjoni pekunjarja amministrattiva għall-ksur tar-rekwiżiti prudenzjali – Regolament (UE) Nru 575/2013 – Artikolu 26(3) – Rekwiżiti ta' fondi proprji – Strumenti kapitali – Ħruġ ta' azzjonijiet ordinarji – Klassifikazzjoni bħala elementi ta' ekwità komuni tal-grad 1 (CET 1) – Assenza ta' awtorizzazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti – Ksur b'negliġenza)

(2021/C 357/06)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Crédit agricole SA (C-456/20 P), Crédit agricole Corporate and Investment Bank (C-457/20 P), CA Consumer Finance (C-458/20 P) (*rappreżentanti:* A. Champsaur u A. Delors, avocats)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Bank Ċentrali Ewropew (*rappreżentanti:* C. Hernández Saseta, A. Pizzolla u D. Segoin, aġenti)

Dispożittiv

1. L-appelli huma miċħuda bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondati.
2. Crédit agricole SA, Crédit agricole Corporate and Investment Bank u CA Consumer Finance huma kkundannati għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 433, 14.12.2020.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-3 ta' Ġunju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Upravno sodišče Republike Slovenije – Is-Slovenja) – J.A. vs Republika Slovenija

(Kawża C-186/21 PPU) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Politika ta' immigrazzjoni u ta' ažił – Protezzjoni internazzjonali – Direttiva 2013/33/UE – Il-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(3) – Detenzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali – Applikant detenut fil-kuntest ta' proċedura ta' ritorn abbażi tad-Direttiva 2008/115/KE u li fir-rigward tiegħu hemm raġunijiet raġonevoli li wieħed jemmen li huwa ppreżenta l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali sempliċement sabiex itawwal jew jipprevjeni l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn – Kriterji oġġettivi li jiġġustifikaw tali raġunijiet – Applikant li diġà kellu l-possibbiltà li jaċċedi għall-proċedura ta' ažił)

(2021/C 357/07)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Qorti tar-rinviju

Upravno sodišče Republike Slovenije